Skont il-Gvern Ungeriż, il-Qorti Ġenerali kisret barra minn hekk il-prinċipju taċ-ċertezza legali meta stabbilixxiet fis-sentenza appellata tul massimu ta' 12-il xahar għaż-żamma tal-effetti ġuridiċi tad-dispożizzjoni annullata, peress li dak it-tul ma jistax jitqies bħala biżżejjed sabiex tkun tista' tiġi adottata dispożizzjoni legali sabiex tissostitwixxi d-dispożizzjoni annullata. It-tqassir tat-terminu ta' aġġustament għall-impriżi ma jippermettilhomx li jippreparaw għad-dispożizzjonijiet emendati u l-kwistjoni tal-mitigazzjoni tad-danni tagħhom, li diġà jistgħu jiġu stmati, ma hijiex solvuta. Is-sitwazzjoni matul il-perjodu bejn l-iskadenza tal-effetti *ratione temporis* tad-dispożizzjoni annullata u l-adozzjoni tad-dispożizzjoni l-ġdida tmur kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali u kemm id-drittijiet tal-manifatturi tal-karozzi u dawk tal-konsumaturi jkunu affettwati serjament.

(1) Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/646 tal-20 ta' April 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 692/2008 fir-rigward tal-emissjonijiet minn vetturi ħfief għall-passiġġieri u minn vetturi kummerċjali (Euro 6) (ĠU 2016, L 109, p. 1).

---

**Appell ippreżentat fit-23 ta' Frar 2019 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla Estiża) fit-13 ta' Diċembru 2018 fil-Kawżi magħquda T-339/16, T-352/16 u T-391/16, Ville de Paris, Ville de Bruxelles u Ayuntamiento de Madrid vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-179/19 P)**

(2019/C 155/38)

*Lingwi tal-kawża: l-Ispanjol u l-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: J.-F. Brakeland, aġent)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Ville de Paris, Ville de Bruxelles, Ayuntamiento de Madrid

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2018, innotifikata lill-Kummissjoni fl-istess jum, fil-Kawżi magħquda T-339/16, T-352/16 u T-391/16, Ville de Paris, Ville de Bruxelles u Ayuntamiento de Madrid vs Il-Kummissjoni Ewropea, tiċħad ir-rikors fl-ewwel istanza u tikkundanna lill-rikorrenti fl-ewwel istanza għall-ispejjeż;

jew, sussidjarjament,

— tannulla s-sentenza u tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali għal eżami mill-ġdid; tirriżerva l-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appell huwa bbażat fuq aggravju wieħed. Il-Kummissjoni tqis li, fil-punti 121 sa 151 tas-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li r-Regolament 2016/646 (1) jemenda element essenzjali tar-Regolament Nru 715/2007 (2). Dan l-iżball joriġina, minn naħa, minn interpretazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' emenda, kif juri l-użu mill-Qorti Ġenerali tal-kunċett ta' "emenda *de facto*", u, min-naħa l-oħra, minn interpretazzjoni żbaljata tal-portata tar-Regolament 2016/646. B'hekk, is-sentenza hija ta' theddida għall-bilanċ interistituzzjonali tal-Unjoni.

(1) Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/646 tal-20 ta' April 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 692/2008 fir-rigward tal-emissjonijiet minn vetturi ħfief għall-passiġġieri u minn vetturi kummerċjali (Euro 6) (ĠU 2016, L 109, p. 1).
(2) Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU 2007, L 171, p. 1).